

Brussell, 25 ta' Novembru 2019
(OR. en)

13828/19

**Fajl Interistituzzjonali:
2010/0180(NLE)**

**AVIATION 241
RELEX 1011
RHJ 8**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Suġġett:	Proposta emendata għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra – Talba mill-Kunsill għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew

1. Il-Ftehim imsemmi hawn fuq huwa r-riżultat tal-mandat lill-Kummissjoni, mogħti mill-Kunsill fit-30 ta' Novembru 2007, biex tiftaħ negozjati mar-Renju Ħaxemita tal-Ġordan dwar ftehim komprensiv dwar it-trasport bl-ajru.
2. Fl-24 ta' Ġunju 2010, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposti tagħha għal Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim u dwar il-konklużjoni tal-Ftehim.
3. Il-Ftehim ġie ffirmat fil-15 ta' Diċembru 2010. Id-Deċiżjoni dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim, flimkien mat-test tal-Ftehim, ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fis-6 ta' Diċembru 2012¹.

¹ ĠU L 334, 06.12.2012, p. 1–30.

4. Il-proċess ta' ratifika ġie kkompletat mill-Istati Membri kollha fit-13 ta' Lulju 2018, minbarra r-Repubblika tal-Kroazja, iżda hemm il-ħsieb li r-Repubblika tal-Kroazja taċċedi għall-Ftehim f'konformità mal-proċedura prevista fl-Att tal-adeżjoni anness mat-Trattat tal-Adeżjoni tagħha tal-5 ta' Diċembru 2011.
5. Fil-5 ta' Novembru 2019, il-Kummissjoni ppreżentat proposta emendata għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim, b'mod partikolari bil-ħsieb li jittieħed kont tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona u s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tat-28 ta' April 2015 fil-Kawża C-28/12.
6. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Avjazzjoni ddiskuta l-proposta emendata u laħaq qbil dwarha fl-14 ta' Novembru 2019.
7. Wara l-ftehim milħuq fil-livell tal-grupp ta' ħidma, it-test tad-Deċiżjoni tal-Kunsill emendata dwar il-konklużjoni ġie rivedut mis-servizz tal-ġuristi lingwisti tal-Kunsill.
8. Bil-ħsieb tat-tnejn għall-konklużjoni tal-Ftehim, il-COREPER huwa mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill, fil-parti "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, jiddeċiedi li jibgħat l-abbozz ta' deċiżjoni dwar il-konklużjoni, kif jinsab fid-dokument 14209/19 tal-ġuristi lingwisti, kif ukoll it-test tal-Ftehim kif jinsab fid-dokument 14366/10 tal-ġuristi lingwisti, lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu.